MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Talba Numru. 1170/2003

**Ideacasa Company Limited**
**vs**

**Joseph u Christine konjugi Formosa u Diamond Promotions Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sittin lira Maltija (Lm760.00), fejn intqal illi:**
**Premess illi s-socjeta` attrici hija impurtatrici ta' ghamara domestika ;**
**Premess illi s-socjeta` attrici bieghet lill-konvenut sett sufanijiet tal-valur totali ta' elf mija u ghaxar liri maltin (Lm1,110.00), versu pagament akkont u l-hrug ta' tmintax-il kambjala, originali annessi mal-avviz, rapprezentanti bilanc u imghax bir-rata kalkolata ta' sebgha fil-mija (7%) fis-sena ;**

**Premess illi l-ebda wahda mill-kambjali in kwistjoni ma thallset, ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi ghall-pagament, u ripetutament ammettew id-debitu taghhom ;**
**Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal jikkundannahom : i. ihallsu s-somma ta' seba' mija u sittin lira Maltija (Lm760.00) u ii. Ihallsu l-imghax kummercjali legali mid-dati tar-ripetittivi skadenzi u l-ispejjez legali.**

**Sema' x-xhieda ta' Anthony Sammut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-konvenuti baqghu ma dehrux fid-data meta il-kawza kienet thalliet ghall-provi taghhom.**
**2. Il-kambjalijiet relattivi skadew fit-12 ta' kull xahar konsekuttiv mit-12 ta' Awissu, 2001 sat-12 ta' Jannar, 2003.**
**2. L-ammont mitlub mis-socjeta` attrici jirrizulta li ghadu dovut mis-socjeta` konvenuta li fuqha saru l-kambjali esebiti. Sussegwentement hija biss is-socjeta` konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas tal-kambjali, u mhux il-konvenuti personalment.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, it-Tribunal filwaqt illi jillibera lill-konvenuti Joseph u Christine konjugi Formosa mill-osservanza tal-gudizzju, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Diamond Promotions Co. Ltd. thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u sittin lira Maltija bl-imghaxijiet kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta Diamond Promotions Co. Ltd., hlief ghall-ispejjez tal-konvenuti Joseph u Christine konjugi Formosa li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------